MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1128/2003

**Professional Cleaning Limited**

**vs**

**Dennis Acker**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Gunju, 2003 fejn intqal il-hlas ta' elf mitejn u tmienja u tmenin lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm1,288.77) rapprezentanti l-prezz ta' xogholijiet fir-residenza tal-konvenut, liema xogholijiet saru mis-socjeta' attrici lill-konvenut u dan fuq ordnijiet ta' l-istess konvenut.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' April, 2003 u bl-interessi legali sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta' Novembru, 2003 fejn intqal illi:**

**1. Preliminarjament, il-konvenut m'ghandux u qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

**2. Fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk qatt gew delegati xi xogholijiet lis-socjeta' attrici, dawn bl-ebda mod ma gew delegati lilha mill-konvenut, u in kwalsiasi kaz, is-socjeta' attrici trid ticcara minn x'hiex jirrizultaw dawn id-drittijiet li allegatament huma dovuti lilha, jekk dan sarx bil-miktub jew bil-kelma, fiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogholijiet, meta gew delegati u minn min gew delegati;**

**3. In ogni kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv, stante li x-xoghol meritu tal-kawza odjerna gie effettwat f'jumejn biss;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Claire Formosa, Dennis Acker, Paul Formosa. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta' attrici qed taghmel din il-kawza ghal prezz ta' xoghol li sar fir-residenza tal-konvenut. Il-konvenut qed ighid li ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u sussidjarjament qed ighid li l-ammont mitlub huwa eccessiv.**

**2. Jirrizulta illi l-konvenut huwa ta' nazzjonalita' barranija u spiss ikun imsiefer u ghalhekk huwa ngagga lis-socjeta' Cassar and Cooper ghal dak li huwa sejjah *house keeping services* u ghamel ftehim ma' l-istess Dok GM 1 esebit.**

**3. Jirrizulta illi s-socjeta' attrici ghamlet ix-xoghol fil-fond numru 17 Triq il-Kunsill Popolari, Birgu.**

**4. Jirrizulta illi l-kontijiet hargu fuq Cassar & Cooper/Acher u dan skond ma jirrizulta mid-Dok PC 2 PC 3 u PC 4 esebiti. Ix-xoghol ta' tindif sar bejn it-8 u d-9 ta' Jannar 2002. Ghalkemm ghandu jinghad li x-xoghol ta' "scrubbing u polishing" jinghad li ha bejn erba' u hamest ijiem u nvolva zewg persuni.**
**5. Jirrizulta illi fis-26 ta' Frar 2003 gie nfurmat minn Cassar & Cooper illi s-socjeta' attrici kienet qed titlob l-ammont pretiz. Fis-27 ta' Frar 2003 intalab invoice dettaljat u fl-istess jum inghata l-breakdown dwar l-istess.**
**6. Il-konvenut jammetti li kien kellem lid-Direttur tas-socjeta' attrici meta kienu ser jaghmlu x-xoghol. Paul Formosa ghas-socjeta' attrici fil-fatt xehed illi l-konvenut kien talab is-servizz personalment u kien cempel personalment. Claire Formosa mart Paul Formosa tikkonferma illi l-konvenut kien ordna t-tile polishing. Kien ghamel kamra wahda, x-xoghol ghogbu u ordna li ssir id-dar kollha.**
**7. Mill-email Dok PC 5 ma jirrizultax illi kien hemm x'ilment dwar li l-attur mhux suppost ghamel ix-xoghol li filfatt sar, izda l-ilment kien jirrigwarda l-kwalita' tax-xoghol. Fl-istess email jinghad hekk: *"then can't understand is to why this issue has been brought up now and not before when you showed your satisfaction to the type of work, their cleaners were doing".***
**8. Jirrizulta illi ma kienx hemm quotation dwar kemm kien ser jiswa l-polishing u l-ilment principali huwa proprju fir-rigward ta' dan.**
**9. Gie stabilit illi ma hemmx dubbju illi r-relazzjoni guridika kienet bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici kienet tezisti. Gie ppruvat illi kien il-konvenut stess illi ordna x-xoghol.**
**10. Ghalhekk dak li jibqa' li ghandu jigi ezaminat huwa jekk l-ammont mitlub huwiex eccessiv.**
**11. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi qed jintalbu sbatax-il lira u disa' u tletin centezmu (Lm17.39) ghal servizz ta' tindif, tnejn u tmenin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm82.22) ghal servizz ulterjuri ta' tindif u qed jintalab ukoll l-ammont ta' elf lira mija disa u tmenin lira u ghaxar centezmi (Lm1189.10) ghall-**

***scrubbing u polishing tat-tiles*. Il-kontestazzjoni principali tirrigwarda dan l-ahhar ammont.**
**12. It-Tribunal ghal dak li huwa scrubbing u polishing tat-tiles, tenut kont li hadmu zewg persuni ghal erba' jew hamest ijiem, u tenut kont tal-fatt li l-materjal hallas ghalih il-konvenut, it-Tribunal iqis illi s-somma ta' hames mitt lira (Lm500) hija gustifikata u arbitrio boni viri qed jistabilixxi din is-somma fir-rigward.**
**13. Ghalhekk is-somma dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici tammonta ghal hames mija disa' u disghin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm599.61).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jichad l-eccezzjoni li ma hemmx relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, qed jilqa' l-eccezzjoni sollevata rigwardanti li l-ammont mitlub huwa eccessiv u jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' hames mija disa' u disghin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm599.61) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija disa' u disghin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm599.61). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum sal-pagament effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mis-socjeta' attrici u kwart mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------